# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 26 ta' Gunju, 2001 .

### Avviz numru : 47/96G2(PC)

**Arthur Bigeni .**

**vs**

**Anthony P. Saliba .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex ihallsu dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, bejn il-vettura Suzuki Swift bin-numru ta' registrazzjoni ittra O-tmienja, wiehed, tmienja, disgha (O-8189) misjuqa minnek, u l-vettura Peugeot 205 bin-numru ta' registrazzjoni ittra B-wiehed, sitta, erbgha, wiehed (B-1641) proprjeta' tal-attur u li fil-hin tal-incident il-vettura kienet misjuqa minn ohtu Rita Anne Bigeni, ta' liema incident inti Anthony Saliba kont unikament responsabbli .**

**Bl-imghaxijiet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas relattiv .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fil-10 ta' Gunju, 1995 u f'Gunju 1996 u tal-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :**

1. **Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-incident imsemmi fl-avviz gara unikament htija tas-sewwieqa tal-vettura tal-attur cioe' Rita Anne Bigeni li kkagunat**

**din il-habta minhabba nuqqas ta' attenzjoni u imprudenza fis-sewqan taghha .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .**

**Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza tittratta kollizjoni stradali li sehhet bejn karozza misjuqa minn Rita Anne Bigeni, oht l-attur, u karozza misjuqa mill-konvenut . Il-habta sehhet fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (1.00 p.m.), meta Bigeni kienet hierga mill-*parking bay* ta' quddiem l-ufficcju ta' l-agenzja "Dhalia" f'din it-triq u l-konvenut kien niezel fid-direzzjoni ta' l-Imgarr fl-istess triq .**

**Ma hemmx qbil dwar kif sehhet din il-habta, ghaliex filwaqt illi Bigeni u l-passiggieri li kienu maghha jsostnu illi din kienet wieqfa, tistenna l-karozzi gejjin minn fuq ighaddu, wara li rriversjat biex tohrog mill-*parking bay* fejn kienet qieghda bil-karozza ta' l-attur, il-konvenut jikkontendi li Bigeni hasditu, billi qabdet u rriversjat ghal go l-karreggjata tieghu, waqt li huwa kien niezel l-isfel fl-istess triq . Il-kompitu tal-Qorti, qabel ma tghaddi biex tikkunsidra tilqax it-talbiet attrici jew le, huwa li tara liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-aktar kredibbli .**

**Dawn huma wkoll il-verzjonijiet li taw is-sewwieqa lis-surgent John Saliba 'a tempo vergine', meta dan gie msejjah fuq il-post in segwitu ghall-habta . Infatti s-surgent Saliba spjega fid-depozizzjoni tieghu illi:**

**"Fl-24 ta' Novembru 1994 ghall-habta tas-siegha u hamsa u ghoxrin minuta ta' wara nofsinhar (1.25 p.m.) gejt imsejjah fuq kollizjoni fi Triq ir-Repubblika, fir-Rabat, liema kollizjoni kienet bejn karozza B-1641 misjuqa minn Ritienne Bigeni u licenzajta f'isem huha Arthur Bigeni u karozza 0-8189 misjuqa minn Anthony Saliba u licenzjata f'isem missieru John Saliba . Fil-habta hadd ma wegga' . Iz-zewg vetturi garrbu hsarat konsiderevoli .**

**Meta kellimt lil Bigeni din qalet li kienet ipparkjata ma' n-naha tax-xellug fil-*parking* fejn saret il-habta . Harget minn fejn kienet ipparkjata bir-*reverse* u waqfet . Harget karozza ohra lejn ix-Xewkija u meta kienet ghadha wieqfa, giet il-karozza l-ohra minn wara u habtet mal-karozza taghha .**

**Saliba qal li kien sejjer lejn ix-Xewkija bil-mod . F'daqqa wahda l-karozza l-ohra li kienet ipparkjata bejn karozzi ohra irriversjat lura . Saliba kiser fuq il-lemin u ghafas il-brake biex jevita din il-karozza, izda din il-karozza baqghet hierga lura u habtet mal-karozza tieghu . Kien hemm vetturi pparkjati mis-sinjal l-isfar 'l gewwa fuq iz-zewg nahat tat-triq meta saret il-habta."**

**Kopja ta' l-okkorrenza relattiva baqghet ma gietx esebita, imma s-surgent Saliba kien f'posizzjoni jesebixxi kopja ta' li skizz redatt minnu li juri kif sab il-vetturi wara l-incident in kwistjoni . F'dan li skizz jidhru z-zewg vetturi nvoluti, u cioe' l-karozza bil-numru B-1641 misjuqa minn Bigeni u l-karozza l-ohra 0-8189 misjuqa mil-konvenut . Jidher ukoll li 'spot of impact' fejn il-kantuniera tan-naha ta' wara tal-lemin tal-karozza ta' Bigeni, u l-brake marks qosra ta' erba' metri, angolati ghal nofs it-triq u mhollija mill-karozza tal-konvenut . Irrizulta wkoll illi l-hsara fuq il-vetturi nvoluti kienet koncentrata ta' l-attur fuq il-kantuniera tal-lemin ta' wara u tal-konvenut fuq il-kantuniera ta' quddiem tax-xellug .**

**F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss illi hija aktar verosimili l-verzjoni tal-konvenut . Apparti l-fatt illi x-xhieda prodotti mill-attur, u cioe' s-sewwieqa u l-passiggieri fil-karozza tieghu xejn ma kienu konsistenti bejniethom dwar il-pozizzjoni ta' kull wiehed minnhom fil-vettura ta' l-attur dak il-hin ta' l-incident, u specifikament jekk ix-xhud Raymond Bajada kienx fil-*passenger seat* ta' quddiem inkella fuq wara, l-ebda wiehed minnhom ma kien kapaci jispjega kif hadd ma ra l-karozza tal-konvenut niezla minn warajhom . Dana minkejja li jsostnu l-l-vettura taghhom kienet wieqfa ghad-dritt dak il-hin tal-habta u allura suppost li ma kien hemm xejn x'jostakolalhom il-vista tan-naha ta' fuq ta' Triq ir-Repubblika .**

**Fir-realta' jidher pero' illi l-karozza ta' l-attur ma kienet wieqfa xejn dak il-hin tal-habta, imma kienet ghadha twettaq il-manuvra tal-hrug bir-*reverse* minn gewwa l-*parking bay* fejn kienet qeghda . Huwa ammess mix-xhieda prodotti li Ritianne Bigeni kienet qed thares biss fil-mirja u ghalhekk zgur li ma setghetx tara l-karozza tal-konvenut gejja . Id-direzzjonijiet ta' x'hin ghandha tohrog b'lura kienu qed jinghatawlha minn Raymond Bajada, "… jiena *driver, passenger* dejjem inkun nervuz, naghti l-istruzzjonijiet lil haddiehor kif ghandu jsuq speci, attitudini tieghi" . Huwa appuntu ghax kien bilqgheda fejna, kif tajjeb sostnew Carmen Attard u l-konvenut, li Bajada ma setghax jara l-karozza tal-konvenut riesqa lejhom . Infatti fuq domanda specifika tal-legali tal-konvenut jekk il-karozza tieghu rahiex, Bajada wiegeb, "Le, fil-fatt ghedtilha car u tond, gheditilha "mexxi" u kif se tibda iddahhal il-gear … " . Is-surgent Saliba stess ikkonferma li kien hemm karozzi ohra pparkjati fuq iz-zewg nahat**

**tat-triq u ghalhekk zgur li vizwali tajba ma kienx hemm minn dik il-pozizzjoni .**

**Dan ukoll jispjega ghaliex il-karozza tal-konvenut halliet *brake marks* qosra ta' erba metri biss u angolati ghal nofs it-triq . Il-konvenut, rinfaccjat b'dan l-ostakolu istantanju meta l-karozza ta' l-attur invadietlu l-karreggjata tieghu, fi sforz li jiehu *evasive action*, ghafas il-*brakes* u gibed ghal nofs it-triq kemm seta', tant li kif stqarr hu stess, b'periklu li jinvadi l-karreggjata tal-karozzi telghin mid-direzzjoni opposta . Hekk ukoll kieku kif qed isostni l-attur, il-konvenut kien daqstant aljenat li ma ndunax bil-karozza misjuqa minn ohtu quddiemu, il-probabiita' hija li ma kien jinduna xejn bil-karozza quddiemu, anqas fl-ahhar mumenti, u d-daqqa kienet tkun *head on* u mhux fil-kantuniera biss, kif fil-fatt gara .**

**Jirrizulta ghalhekk evidenti illi Rita Anne Bigeni bhala s-sewwieqa tal-karozza ta' l-attur bil-manuvra taghha waqt li kienet qed tohrog b'lura minn fejn kienet ipparkjata, kisret ir-regola 53 tal-Highway Code li tghabbi b'responsabilitajiet partiklari lil min ikun ser jimxi bil-vettura tieghu minn pozizzjoni stazzjonarja . F'dan ir-rigward huma applikabbli u ferm adattati ghac-cirkostanzi tal-kaz prezenti dak li ntqal mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet : "Brian Valenzia noe. vs. Monica Calleja" fl-14 ta' Gunju 1995 fis-sens illi : "*… il-konvenuta kienet negligenti fis-sewqan billi ma zammitx il-'proper look out' waqt li qed taghmel manuvra perikoluza u li biha setghet kif fil-fatt ghamlet ostakolat il-passagg liberu ta' traffiku iehor . B'dan il-mod il-konvenuta geghlet lill-assigurat ta' l-attur jigbed lejn il-lemin biex jevitaha u sar l-impatt.*" L-istess principju gie ribadit fil-kawza "Debattista vs. Gatt et." (Prim'Awla 12.3.1991) fejn gie ritenut li meta sewwieq ikun qieghed jaghmel manuvra li biha ser jostakola l-passagg regolari ta' vetturi ma ghandu jiehu ebda riskju u f'kaz ta' dubbju d-dmir tieghu li jieqaf, jaghti avviz ta' l-intenzjoni tieghu u jistenna sakemm u jkun cert li jista' jissokta .**

**Dan kollu Rita Anne Bigeni bhala s-sewwieqa tal-karozza ta' l-attur irrizulta li ma segwitux u ghalhekk il-Qorti ma tistghax ma ssibiex unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

Si4796Pc **Ghar-Registratur**